

Brussell, 30 ta' April 2026
(OR. en)

8299/1/26
REV 1

LIMITE

EF 119
ECOFIN 488
AG 56
BETREG 2
IA 102
COMPET 484
SIMPL 81
ECB
EIB

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Konsegwenzi ekonomiċi tal-leġiżlazzjoni tal-UE
- Nota ta' analiżi mill-Presidenza

Bil-ħsieb tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-5 ta' Mejju 2026, id-delegazzjonijiet isibu mehmuż nota ta' analiżi riveduta mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq.

PUBLIC



5 ta' Mejju 2026

Konsegwenzi ekonomiċi tal-leġiżlazzjoni tal-UE

Konsegwenzi ekonomiċi tal-leġislazzjoni tal-UE

Wara r-rapport Draghi, il-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2025, saħaq fuq "il-ħtieġa li tiġi avvanzata aġenda ambizzjuża u mmexxija orizzontalment li tindirizza s-simplifikazzjoni u r-regolamentazzjoni aħjar fil-livelli kollha [...] sabiex tiġi żgurata l-kompetittività tal-Ewropa". Huwa fakkar ukoll "fl-impenn biex jitnaqqsu drastikament u b'urġenza, il-piżijiet amministrattivi, regolatorji u ta' rapportar għan-negozji, inkluż l-SMEs, u l-amministrazzjonijiet pubbliċi". Il-programmi ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2025 u l-2026 jinkludu aġenda ta' implimentazzjoni u simplifikazzjoni li tiffoka, fost l-oħrajn, fuq is-simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni eżistenti tal-UE permezz ta' sensiela ta' proposti leġislattivi Omnibus fi sforz biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill approva konklużjonijiet dwar is-simplifikazzjoni u r-regolamentazzjoni aħjar¹ f'Diċembru 2025 fejn enfasizza "l-ħtieġa li l-isforzi ta' simplifikazzjoni Omnibus jiġu kkomplementati bi sforz biex jiġu mmonitorjati u mnaqqsa l-piżijiet mhux ġustifikati mill-fluss ta' leġislazzjoni ġdida tal-UE, biex it-tfassil ta' leġislazzjoni ġdida jsir aktar immirat u effettiv, filwaqt li jiġu massimizzati l-benefiċċji ċari tagħha". Għalhekk, bil-ħsieb li jiġu mmonitorjati aħjar il-kostijiet amministrattivi u ta' aġġustament mill-fluss ta' leġislazzjoni ġdida tal-UE, il-Kunsill qabel li "il-Presidenza darba kull semestru tippovdi ħarsa ġenerali aġġornata tal-benefiċċji ekonomiċi, soċjali, regolatorji u oħrajn kif ukoll il-kostijiet amministrattivi u ta' aġġustament għan-negozji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi minn proposti li qed jiġu nnegozjati bħalissa".

Fil-laqgħa tal-Kunsill ECOFIN ta' Diċembru 2025, il-Presidenza Daniża ppreżentat nota ta' analiżi u tabella² li tiġbor il-kostijiet u l-benefiċċji tal-proposti kollha tal-Kummissjoni li kienu għadhom ma ġewx adottati, abbażi tal-Valutazzjonijiet tal-Impatt disponibbli tal-Kummissjoni. Il-Presidenza Ċiprijotta issa aġġornat din il-ħarsa ġenerali, billi żiedet il-proposti l-ġodda kollha tal-Kummissjoni li waslu bejn dak iż-żmien u l-aħħar ta' Marzu, u neħħiet dawk li sadanittant ġew adottati.

Il-ħarsa ġenerali aġġornata stabbilita fl-anness ta' din in-nota turi li 49 % tal-proposti huma akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni u li, jekk jiġu adottati kif propost mill-Kummissjoni, dawn il-proposti, minbarra l-kostijiet ta' darba, ser iżidu kostijiet amministrattivi rikorrenti ġodda ta' madwar EUR 1.5-1.6 biljun u kostijiet ta' aġġustament rikorrenti ta' madwar EUR 16.9-25.7 biljun għan-negozji Ewropej. Dan juri wkoll li għall-awtoritajiet pubbliċi, dawn il-proposti ser iżidu madwar EUR 145 miljun f'kostijiet amministrattivi rikorrenti u EUR 2.8-10.1 biljun f'kostijiet ta' aġġustament rikorrenti. Ta' min jinnota li l-kostijiet jistgħu jiġu sottovalutati peress li l-istimi xi drabi jkunu biss parzjali.

Mill-aħħar aġġornament mill-Presidenza Daniża, tneħħew 20 proposta mill-ħarsa ġenerali minħabba li ġew adottati jew irtirati. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni adottat total ta' 51 proposta leġislattiva ġdida u dawn żdiedu mat-tabella, li 13 minnhom kienu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni. Dawn it-13-il proposta ġdida, jekk jiġu adottati kif propost mill-Kummissjoni, jiġġeneraw kostijiet amministrattivi rikorrenti addizzjonali ta' madwar EUR 123–158 miljun u kostijiet ta' aġġustament rikorrenti ta' madwar EUR 5.1–6.4 biljun għan-negozji Ewropej. Għall-awtoritajiet pubbliċi, dawn il-proposti jiġġeneraw kostijiet amministrattivi rikorrenti addizzjonali ta' madwar EUR 30 miljun u kostijiet ta' aġġustament rikorrenti ta' madwar EUR 751–994 miljun.

¹ ST 16201/25

² ST 16234/25 + ADD 1-2

Fl-istess ħin, filwaqt li huwa aktar diffiċli li jiġu kkwantifikati, il-benefiċċji huma daqstant importanti. Il-valutazzjonijiet tal-impatt li jakkumpanjaw dawn il-proposti tipikament jindikaw titjib fil-funzjonament tas-suq, inkluż inqas frammentazzjoni u kundizzjonijiet aktar ekwi madwar l-Istati Membri, kif ukoll ċertezza legali akbar għall-operaturi ekonomiċi. Huma jidentifikaw ukoll titjib fl-effiċjenza u ffrankar potenzjali tal-kostijiet maż-żmien, b'mod partikolari permezz ta' miżuri ta' simplifikazzjoni u ta' diġitalizzazzjoni inkorporati f'ċerti proposti. Barra minn hekk, ħafna inizjattivi jappoġġaw objettivi ta' politika usa' tal-Unjoni, inkluż it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, li huma mistennija jikkontribwixxu għar-reżiljenza, il-produttività u l-kompetittività fit-tul tal-ekonomija tal-UE. Għalhekk huwa diffiċli li l-kostijiet jitqabblu mal-benefiċċji f'termini purament kwantitattivi, peress li ħafna minn dawn il-benefiċċji huma strutturali u ser jimmaterializzaw fuq perjodu medju sa twil.

Minkejja n-nuqqas ta' stimi kwantifikati għall-benefiċċji, dan il-monitoraġġ tal-piż amministrattiv li jirriżulta mill-fluss ta' regolamentazzjoni ġdida għandu jitqies fl-isforzi tagħna biex innaqqsu l-piżijiet regolatorji u amministrattivi li jdgħajfu l-kompetittività tal-UE.

Kwistjonijiet li jridu jiġu diskussi

- *Il-ministri kif jivvalutaw l-impatt ekonomiku ġenerali tal-proposti li qed jiġu nnegożjati, filwaqt li jqisu kemm il-kostijiet stmati kif ukoll il-benefiċċji mistennija?*
- *Kif nistgħu niżguraw li l-leġiżlazzjoni futura tal-UE tappoġġa aħjar il-kompetittività filwaqt li tillimita l-kostijiet amministrattivi u ta' aġġustament bla bżonn?*
- *X'titjib jista' jsir biex jiġi vvalutat aħjar l-impatt ekonomiku tal-leġiżlazzjoni tal-UE, kemm f'termini ta' kostijiet kif ukoll ta' benefiċċji?*

Il-passi li jmiss

Il-Kunsill (COMPET) ser jiddiskuti s-simplifikazzjoni u r-regolamentazzjoni aħjar fit-28 ta' Mejju. Wara d-diskussjonijiet tal-ECOFIN u l-COMPET, il-ministri li jippresiedu dawn iż-żewġ konfigurazzjonijiet tal-Kunsill qed jippjanaw li jiffirmaw ittra konġunta lill-ministru li jippresiedi l-konfigurazzjoni tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali, li ser tqis dawn id-diskussjonijiet, b'mod partikolari fid-diskussjoni tagħha dwar is-simplifikazzjoni u dwar il-programmazzjoni leġiżlattiva.